**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 34 - IT-TLIETA 29 TA' APRIL 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier (wasal fid-9:10pm) |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier (waslet fid-8:50pm) |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata (ma tiflahx): | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi-Sindku |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li n-numru tal-lista tal-kontijiet mehmuża mal-minuti kellu jaqra 24 u mhux 22.

1.2. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.3. Is-SE imbagħad għadda biex jinforma x'azzjonijiet ittiehdu u xi żviluppi sehhew mil-laqgħa ta' qabel.

1.4. Fir-rigward ta' para. 1.2.1 dwar l-arbli tal-festa, is-SE informa li kienet intbagħtet ittra lill-Kumitat Festi Esterni kif ukoll lill-Każin tal-Banda Peace.

1.5. B'riferenza għal para. 1.2.2 dwar ix-xibka għall-grawnd tal-futbol, is-SE informa li kien bagħat xi notamenti ma' l-aġenda u għaldaqstant setgħet tiġi diskussa aktar tard.

1.6. Is-SE informa li fir-rigward ta' para. 1.2.3, kienet saret laqgħa ma' tlieta mill-erbgħa offerenti tas-*CCTV Cameras* u kien hemm qbil li għandha ssir prova fuq il-post. Sadanittant, huwa informa li d-dwal fil-bandli u l-ġnien fi Triq l-Imħalla kien ġie installat. Barra minn hekk, il-kuntrattur Charlot Grech kien jonqsu l-bastun tat-tarag filwaqt li kienet meħtiega deċiżjoni fuq il-planters minħabba li x-xfarijiet kienu qed jitkissru. Kien hemm qbil li għandha ssir faxxa tal-konkos fuq kollox li tigi għat-tond.

1.7. Hawnhekk waslet il-Kunsilliera Miceli. Il-ħin kien id-8:50pm.

1.8. Fir-rigward ta' para. 1.2.7 rigward id-disinn tal-ġnien ta' Triq Sir H. Luke, is-SE informa li l-Perit tal-Kunsill kien għamel perijodu marid u anki kien għamel perijodu ieħor impenjat b'xogħol ieħor. Dan wassal biex ix-xogħol waqa' xi ftit lura. Madanakollu l-Perit kien wiegħdu li se jaqbad ritmu aktar mgħaggel ma jdumx.

1.9. Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar pjanijiet ta' tisbieħ tal-parti l-antika, is-SE informa li għadu qed jistenna mingħand il-Perit.

1.10. Is-SE informa li kien ingħata bidu għal traqqiegħ estensiv fi Triq il-Fortizza tal-Mosta u Triq San Pawl. Huwa nforma wkoll li roqgħa minnhom kienet żviluppat xi ħsara u għaldaqstant, wara li ġiet ikkonfermata mill-Perit tal-kuntrattur stess, kien diga wasal fi qbil terġa' ssir mill-ġdid mhux biss il-ħsara nnifisha iżda r-roqgħa partikulari kollha li kienet ta' daqs ta' 20 metru kwadru. Mill-bqija kollox kien jindika li x-xogħol li sar kien ta' livell għoli ħafna.

1.11. Fir-rigward tal-ktejjeb tal-mixjiet, is-SE informa li kien għadu qed jistenna risposta mingħand Din l-Art Ħelwa.

1.12. Is-SE informa li l-laqgħa mal-membri tal-Mixtla (*Nursery*) tan-Naxxar kienet inżammet matul il-ġimgħa ta' qabel fejn kienu rappreżentati mis-Sur Dione Drago. Min-naħa tal-Kunsill kien hemm preżenti s-Sindku, il-Kunsillier Noel Gatt, il-Kunsillier Joe Grech u s-SE. Kien sar ftehim mas-Sur Drago li għandhom jgħaddu kommunikazzjoni lill-Kunsill dwar il-minimu ta' sigħat ta' użu tal-grawnd li għandhom bżonn kull ġimgħa.

1.13. Is-SE informa li kienet intbagħtet l-ittra/risposta lis-Soċjetà Mużikali Vittorja iżda ma kienx ilu li bagħatha biex jilħaq jirċievi risposta mingħandhom.

1.14. Fir-rigward ta' para. 1.2.14 dwar iż-żjara mill-E.T. il-President ta' Malta, is-SE informa li kienet qed issir ko-ordinazzjoni dwar iż-żjara tiegħu fin-Naxxar. Il-pjan iżda huwa li l-President jagħmel iż-żjara tiegħu nhar it-23 u l-25 ta' Mejju. Is-SE u s-Sindku kienu se jżuru l-uffiċċju tal-President biex jiffinalizzaw din iż-żjara.

1.15. Is-SE informa li jidher li kien hemm numru ta' persuni jew familji li m'għamlux rapport formali mal-Pulizija wara li saret it-traġedja. Dan il-punt se jkompli jiġi diskuss aktar 'il quddiem. Huwa kompla informa li, skond l-aħbarijiet ta' TVM tas-Sibt 12 ta' April, kien hemm 74 persuna li ressqu talbiet għall-għajnuna mill-Gvern Ċentrali.

1.16. Is-SE informa li ma kienx għadu ta l-ordni biex titpoġġa bozza ġdida fi Sqaq Ċejlu.

1.17. Fir-rigward ta' para. 2.5, is-SE informa li kienet saret id-donazzjoni għall-kotba lill-Kulleġġ ta' Maria Reġina ta' Birkirkara.

1.18. Is-SE informa li fir-rigward ta' l-offerta għas-servizz ta' skrivan fuq bażi kuntrattwali ta' għoxrin siegħa fil-ġimgħa, huwa kien għaddielhom il-lista tal-ħames offerenti. Fir-rigward ta' l-impjieg l-ieħor, dak ta' Uffiċjal Eżekuttiv fuq bażi *full-time*, huwa informa li l-Ġimgħa hija l-aħħar ġurnata li fiha wieħed seta' japplika. Huwa informa li għal dan il-każ partikolari setgħu japplikaw biss ħaddiema klerikali li diġà jaħdmu ma' Kunsill Lokali inkella min qiegħed fuq il-lista ta' l-ETC.

1.19. Fir-rigward ta' para. 5.1 u 5.3, is-SE informa li l-kuntrattur in kwistjoni ma kellux kampjun tar-reċipjenti ta' l-iskart u tal-bank iżda wieħed seta' jara reċipjenti simili fil-lokalità tar-Rabat. Huwa wera wkoll skeda ta' kuluri li l-Kunsill seta' jagħżel minnhom. Kien hemm qbil li ssir laqgħa fuq il-post mis-Sindku u l-Kunsilliera Miceli biex jiġu ddeterminati l-kuluri tal-bankijiet. Kien hemm qbil li r-reċipjenti jiġu ordnati ta' kulur iswed. Is-Sindku fakkret ukoll li l-Kunsill kien applika sabiex jipparteċipa f'lotterija ta' l-Assoċjazzjoni tal-*Playing Fields* sabiex jingħata biċċa apparat tal-logħob. Sar qbil ukoll li s-SE għandu jipproċedi b'xogħol ta' tined għal fuq il-bankijiet kollha wara li jkun kiseb il-kwotazzjonijiet.

1.20. Is-SE informa li t-tinda ta' Dar il-Familja Mqaddsa għadha ma saritx. Is-Sindku ħeġġet lis-SE sabiex jagħtiha prijorità.

1.21. Fir-rigward ta' para. 7.2, dwar ir-rikostruzzjoni ta' Triq F. W. Ryan, is-SE informa li l-kuntrattur kien għolla numru ta' tappieri għalkemm hemm uħud minnhom għandu problema fuqhom u għaldaqstant kien diġà qiegħed f'kommunikazzjoni mad-Dipartiment tad-Drenaġġ.

1.22. Is-SE informa li fir-rigward tal-bankina ta' Vjal il-21 ta' Settembru k/m Triq il-Ġdida, ma setax jinstab *paving blocks* ta' l-istess daqs bħalma diġà hemm fuq in-naħa l-oħra u għaldaqstant se jinxtraw oħrajn ftit differenti għalkemm ta' l-istess kulur.

1.23. Fuq talba tal-Kunsillier Sciberras kien hemm qbil li kull fejn teżisti rampa fil-bankina għandhom jinżebgħu sinjali sofor għaliex ħafna kienu qed jiġu abbużati u ostakolati fuq bażi regolari.

1.24. Hawnhekk daħal il-Kunsillier Agius. Il-ħin kien id-9:10pm.

1.25. Is-SE informa li dwar para 7.3 x-xogħol fuq il-parti li żżomm l-ilma fi Vjal il-Labour k/m Triq il-Ġdida għadu ma sarx iżda għandu jsir max-xogħol tal-parti l-oħra ta' Triq il-Ġdida.

1.26. Fir-rigward ta' para 7.5 dwar il-ġemellaġġ mal-Kunsill ta' Pinzolo fi Trento, is-SE informa li ma kien hemm l-ebda żviluppi.

1.27. Is-SE informa li dwar par. 7.9 kien wasal f'arranġament ma' Dr. Chris Ciantar, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Ambjent, sabiex tintuża kamra tal-kompjuters fiċ-Ċentru Ċiviku biex isiru korsijiet tal-MEPA immirati lejn għaqdiet mhux governattivi u bħala kumpens se jiffinanzjaw il-kors tal-kompjuter ta' TCTC, e-tfal. Is-SE semma wkoll li dan l-arrangament seta' jsir biss bil-kollaborazzjoni ta' TCTC minħabba li l-apparat kollu huwa tagħhom.

1.28. Fir-rigward ta' para. 7.14, dwar il-problema ta' l-Iskola Giovanni Curmi fir-rigward tal-kamra tan-nar ta' Ħal Lija, is-SE informa li kien attenda l-Kunsillier Sciberras f'isem il-Kunsill għal-laqgħa li nżammet fl-iskola. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li l-Ministru kienet se żżur l-iskola imma sadanittant l-għalliema kellhom direttiva sabiex ma jużawx il-grawnd il-ġdid ta' l-istess skola.

1.29. Is-SE informa li dwar para. 7.16 rigward il-*Pasta Night* kienet ġiet ikkanċellata minħabba li ma kienx hemm konkorrenza biżżejjed. Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li l-familji involuti għandhom jingħataw numru ta' biljetti sabiex ibiegħuhom għall-attività li jmiss.

1.30. Is-SE informa wkoll li *Bay Street* kien se jorganizza attività ġewwa l-istess kumpless sabiex jinġabru fondi għall-vittimi tat-traġedja.

1.31. Dwar para 7.16, is-Sindku infurmat li kienet bdiet tikkomunika ma' xi nies biex ikunu fuq il-kummissjoni tal-fond għall-vittmi tat-traġedja iżda s'issa ma kelliex riposta favorevoli. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat talba uffiċjali lill-Arċipriet wara li s-SE kien staqsieh verbalment bir-risposta tidher li se tkun negattiva. Is-SE informa li huwa kien qed jipprova jġib xi informazzjoni dwar x'għamlet s'issa l-Awtorità tad-Djar. Kien hemm qbil li l-Kunsill, wara li jagħmel kommunikazzjoni ma' l-Avukat tal-Kunsill, għandu jħejji formola fejn, fost oħrajn, kull applikant seta' jindika jekk hux diġà ħa xi tip ta' fondi minn wara l-isplużjoni, u fil-każ minn fejn, u jiddikjaraw ukoll li l-Kunsill kien qed jingħata l-fakultà li jara u jfittex id-dettalji kollha. Kien hemm qbil li għandu jsir avviż fuq il-pubblikazzjoni tal-Kunsill.

1.32. Dwar para. 9, rigward l-offerti għas-servizz ta' *Works Officer*, is-SE informa li kien hemm aktar informazzjoni ma' l-Aġenda fejn fost oħrajn kien hemm li s-Sur Fenech ma kienx aċċetta l-offerta l-ġdida tal-Kunsill u talab €20,000 + VAT. Is-SE informa li għalkemm ma setax jieħu deċiżjoni hu, kien diġà indika lis-Sur Fenech li din hija ħafna aktar minn dak li seta' joffri l-Kunsill. Għaldaqstant minħabba li l-

kuntratt kien diġà skada, kienu waslu fi qbil li, jekk il-Kunsill ma jilqax it-talba tas-Sur Fenech, matul ix-xahar ta' Mejju, jaħdem nofs ta' nhari biss. Dan seta' jagħti ftit aktar nifs lill-Kunsill sabiex joħroġ l-offerti u preferibbilment isib lil xi ħadd ġdid. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jaċċettax it-talba tas-Sur Fenech u għaldaqstant kienet se toħroġ offerta ġdida. Meta kien diskuss jekk għandux ikun hemm tibdil fid-dokumenti ta' l-offerta, kien hemm qbil li l-Kunsill iħares aktar lejn il-kapaċitajiet tekniċi kif ukoll il-personalità ta' l-applikant, u b'mod speċjali l-abbiltà tiegħu biex jikkomunika u jikkontrolla sewwa lill-ħaddiema kif ukoll mal-kuntratturi. Kien hemm qbil li din id-darba jitħalla f'idejn l-offerenti biex jitfgħu l-offerta (ir-rata) li jkunu qed jitolbu. Is-SE kien se jipprepara d-deskrizzjoni ta' l-impjieg sabiex jiġi kkonfermat mill-Kunsilliera. Sadanittant is-SE informa li kien għadu qed jigbor l-istimi għall-vettura.

1.33. Kien diskuss ix-xogħol tal-bankini mill-Kunsill permezz tad-Dipartiment tad-Distretti. Is-SE kien mitlub jigbor informazzjoni dwar it-tul ta' żmien li ilu għaddej ix-xogħol fuq il-bankina fi Triq l-Imraden u jirrapporta lill-Ministru responsabbli.

1.34. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jqabbad kuntrattur privat biex jagħmel rikostruzzjoni ta' bankini fi Triq Ħal Dgħejf, Triq il-Kbira k/m Triq l-Imdina u Triq il-Ġdida fost oħrajn. Wara dan ix-xogħol kien se jsir xi xogħol ieħor ta' bankini ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq.

1.35. Is-SE informa li bħala parti mill-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi għall-vittmi tat-traġedja, is-Sibt 26 ta' April kienet inżammet maratona tal-futbol fejn kienu nġabru €320. Barra minn hekk, l-għada l-Ħadd kienet saret attività mir-Raw Bikers Club fejn uffiċjalment kienu preżentaw lis-Sindku bis-somma ta' €3039.55, inkluż ammont ta' flus oħra li ingiebu aktar tard.

1.36. Is-SE informa li hu u l-Kunsillier Sciberras kif ukoll il-Kunsilliera Miceli kienu attendew għal seminar dwar l-E-Funding relatat ma' informazzjoni digitali. Barra dan hu u l-Kunsillier Sciberras attendew għal seminar dwar dwar l-iskart u l-effetti li jħalli fuq is-saħħa. Dan ta' l-aħħar kien organizzat mill-Assoċjazzjoni Maltija ta' l-Uffiċċjali tas-saħħa Ambjentali.

1.37. Is-SE informa li s-Sindku kienet aċċettat stedina biex tattendi għal-laqgħa li se ssir għas-Sindki nisa ġewwa s-Slovenja. Minbarra s-Sindku kienu se jipparteċipaw ukoll is-Sindki tas-Swieqi, Ta' Xbiex u x-Xewkija. Id-dati kienu bejn l-14 u s-17 ta' Mejju. L-ispejjeż involuti huma Eur250 bħala registrazzjoni kif ukoll il-passaggi ta' l-ajru.

1.38. Is-SE informa li l-ADT kienet bagħtet kommunikazzjoni biex tinforma li kienu se jinqalgħu il-*bollards* tas-*service road* ta' Birguma ByPass li twaħħlu riċentament, bħala prova. Huwa informa wkoll li d-Direttur ta' l-Immaniggjar tat-Traffiku kienet ġiet fuq il-post u wara fl-uffiċċju tal-Kunsill biex tivverifika min u kif twaħħlu dawn il-bollards minħabba li lanqas hi ma kienet ġiet infurmata bihom. Hu kompla li d-Direttur kienet favur li jinqalgħu il-*bollards* u li jittieħdu miżuri oħra kontra l-veloċità. Is-SE insista magħha li, qabel ma tittieħed xi deċiżjoni, għandhom jiġu kkonsultati r-residenti. Il-Kunsill qabel li għandhom ikunu infurmati r-residenti eżatt qabel ma tibda l-prova.

1.39. Is-SE preżenta u qara ittra ta' appell mingħand is-Sur Pierre Brincat dwar tnaqqis ta' €23.29 mill-garanzija tiegħu. Is-SE ta' dettalji tal-każ u kif hu kien irrikonsidra tnaqqis akbar aktar qabel u llimita biss ma' tnaqqas skond riżoluzzjoni tal-Kunsill xi żmien ilu. Il-Kunsill ma laqax l-appell tas-Sur Brincat u qabel ma' l-azzjoni meħudha mis-SE.

1.40. Il-Kunsillier Catania ġibed l-attenzjoni li fi Triq Santa Luċija f'kantuniera ma' Triq l-Ifran hemm *landrover* li minnha qed iqattar id-*diesel*. Is-SE se jieħu ħsieb jagħmel rapport lill-pulizija.

1.41. Is-SE informa li s-sid ta' l-iżvilupp ta' Triq Victor Scerri kien talab li minflok iħallas fi flus kontanti għall-*hoarding* li poġġa, jidħol f'arranġament mal-Kunsill biex jagħmel it-tisbiħ tas-*central strip* ta' quddiem il-binja. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-valur ikun ta' l-istess ammont dovut. Sadanittant is-Sindku talbet lis-SE biex jibgħat ittra bl-avukat lis-sid tal-binja ta' bejn Vjal il-Labour u Triq l-Imdina wara li dan baqa' jinjora t-talbiet tal-Kunsill.

1.42. Is-SE informa li Miracle Foods kien infurmah li lest li jħallas €70 għal kull tabella fis-sena. Il-Kunsill qabel li s-SE għandu jitolbu biex, minflok, iħallas €93 għal kull tabella fis-sena.

1.43. Is-SE informa li kien hemm sejħa biex il-Kunsill jinnomina l-*business woman of the year* mil-lokalità għas-sena 2008. Issemmew diversi nisa iżda ma ttieħditx deċiżjoni finali.

1.44. Hawnhekk il-Kunsillier Agius skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien l-10:30pm.

## 2. ĦLAS TA' KONTIJIET

2.1. Fir-rigward tal-kont tal-kuntrattur Philip Agius & Sons is-SE informa li dan kien biss il-kumplament tal-kont miżmum fuq it-toroq l-Imnara u Juan B. Azzopardo li issa kien għadda żmien biżżejjed u x-xogħol kien wieħed tajjeb.

2.2. Is-SE informa li kien inbeda proċess biex jiġu vverifikati l-ħlasijiet tal-bozoz internament, iżda sfortunatament dan kellu jieqaf wara r-riżenja ta' l-iskrivana inkarigata. Huwa kompla jgħid li vverifika ħafna minnhom huwa stess u kellem ukoll lill-inġinier filwaqt li kkonferma li dawk li hemm fuq il-lista huma vverifikati u ċċertifikati, għalkemm ma gewx individwati minħabba ammont kbir ta' bozoz involuti.

2.3. Il-lista tal-ħlasijiet ġiet approvata mingħajr emendi u ffirmata mis-Sindku, mill-Kunsillier Sciberras u s-SE. Kopja annessa f'A.

## 3. OFFERTI GĦAS-SERVIZZI KLERIKALI

3.1. Is-SE għadda lista ta' l-offerenti għas-servizz *part time*. Huwa informa li mill-ħames offerenti, kien hemm waħda li ma niżżlitx ir-rata u għaldaqstant wieħed irid jikkonferma jekk dan jiskwalifikax l-offerta awtomatikament. Kien hemm qbil li s-SE u l-Kunsillier Sciberras għandhom jagħmlu l-intervisti għall-offerenti u jgħaddu r-riżultati tagħhom.

## 4. RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-PERJODU OTTUBRU – DIĊEMBRU 2007

4.1. Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju preżentat mis-SE għall-perjodu Ott – Diċ 2007.

4.2. Hawnhekk il-Kunsilliera Miceli skużat ruħha. Il-ħin kien il-10:55pm.

## 5. KWOTAZZJONI GĦAL XOGĦLIJIET TA' ĦADID GĦALL-BANDLI

5.1. Is-SE għadda lista ta' kwotazzjonijiet għal xogħol ta' ħadid fejn l-irħas waħda kienet ta' Aluminium and Iron Works tan-Naxxar. Kien hemm qbil li minflok *spray-galvanising* is-SE għandu jivverifika kemm jiswa *dipped-galvanising*. Sadanittant kienet milquha l-irħas kwotazzjoni.

**6. ĦRUĠ TA' OFFERTI GĦAX-XIBKA LI DDAWWAR IL-*MULTI-PURPOSE PITCH***

6.1. Kien hemm qbil li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti wara li jkunu ppreparati speċifikazzjonijiet mill-Perit. Dan wara li s-SE kien kiseb numru ta' kwotazzjonijiet iżda l-ispeċifikazzjonijiet kienu differenti minn xulxin u għalhekk ma kienx possibli li wieħed iqabbel bejn waħda u oħra.

**7. IL-BAGIT U L-PJAN TA' TLIET SNIN**

7.1. Is-SE talab lill-Kunsilliera biex jgħaddulu xi proposti jew ħsibijiet li seta' kellhom dwar il-pjan ta' tliet snin.

7.2. Huwa kompla li kien għadu ma kellux il-ħin jiffinalizza dawn id-dokumenti u l-aktar minħabba x-xogħol li kien qiegħed jieħu biex jieħu ħsieb il-kontijiet li sa ftit tal-gimgħat ilu kien ix-xogħol ta' l-iskrivana li telqet.

**8. PROPOSTA GĦAL SISTEMA KOMPJUTERIZZATA GĦALL-ĦRUĠ TA' PERMESSI**

8.1. Is-SE għadda proposta għal sistema kompjuterizzata li toħroġ il-permessi b'aktar effiċjenza filwaqt li tkun tista' żżomm kontroll ferm akbar tad-dħul finanzjarju billi żżomm *audit trail*. Huwa informa li din is-sistema tal-permessi kienet diġà qed titħaddem sewwa fil-Kunsill Lokali Sliema.

8.2. Fid-dawl tal-bżonn li s-sit ta' l-internet tal-Kunsill kien fi bżonn kbir li jigi aggornat u fid-dawl li kellu ħsibijiet li l-istess sit jinkorpora servizz elettroniċi biex ikun ta' servizz akbar għar-residenti, għamel tentattiv biex jgħaqqad l-offerta ma' waħda biex ikun aggornat u mibdul mill-qiegħ is-sit ta' l-internet. Huwa fakkar li l-Kunsill kien digà approva li jsir xogħol fuq is-sit xhur ilu iżda dan ma kienx seħħ minħabba problema mill-provider li s-servizzi li kien beda joffri tajjeb bdew dejjem sejrin lura.

8.3. L-offerta allura kienet ibbażata fuq sistema ta' *leasing* għal perijodu ta' tliet snin għas-sistema tal-permessi bir-rata applikabbli għal-liċenzjar ta' aktar minn persuna waħda (*multiuser licence*) filwaqt li t-tibdil tas-sit ikun b'xejn. Din l-offerta kienet esklussiva għan-Naxxar minħabba li dawn l-uffiċċju tagħhom jinsab proprju fin-Naxxar. Kien hemm qbil li s-SE flimkien mal-Kunsilliera Joe Grech, Gatt u Sciberras għandhom jiltaqgħu mal-kumpanija involuta biex jiddiskutu din l-offerta aktar fid-dettall.

8.4. Skuża ruħu mil-laqgħa l-Kunsillier Anthony Grech. Il-ħin kien il-11:30pm.

**9. AĠĠORNAMENT**

9.1. Ġiet diskussa l-problema tan-nuqqas ta' tindif madwar il-lokalità kollha, speċjalment il-ħaxix kbir li hemm fil-preżent ma' kullimkien. Kien hemm qbil li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntratturi għal Triq Raħeb Kurradu, Triq il-Fortizza tal-Mosta kif ukoll f'partijiet fil-Pjazza. Kemm-il darba ma jkunx hemm sinjal ta' titjib fit-tindif għandha tingħata twissija.

9.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha f'11:55pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD, MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**LISTA TA' ĦLASIJIET NUMRU: 24**
**Laqgħa numru 34**
**29 ta' April 2008**

| Isem il-kuntrattur | Data tal-kont | Dettalji tal-kont | Ammont | Vot Nru. | Isem tal-Vot li minnu tnaqqsu l-ispejjeż |
|---|---|---|---|---|---|
| ADI Associates | 31/03/2008 | Review Planning app. March 08 | €119.59 | 3130 | Engineering Services |
| Philip Agius & Sons | 13/07/2007 | Construction of Triq Huan B Azzopardo & L-imnara retention | €6,125.33 | 7501 | SPEC. PROGRAM RESURFACING |
| Allied Newspapers | 17/04/2008 | Advert Times PT Clerk | €115.31 | 2940 | Advertising |
| B. Grima & Sons Building | 12/04/2008 | No entry scammel signs | €121.63 | 2313 | Street Signs |
| B. Grima & Sons Building | 12/04/2008 | Street names | €50.16 | 2313 | Street Signs |
| BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 29/02/2008 | Offices-Wk4-Wk7 Feb 08 | €354.38 | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 29/02/2008 | Common areas-Wk4-Wk7 Feb 08 | €272.77 | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 24/03/2008 | Offices-Wk8-Wk11 March 08 | €354.38 | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 24/03/2008 | Common areas-Wk8-Wk11 March 08 | €272.77 | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 12/11/2007 | Common Areas Wk42-Wk45 Oct-Nov 07 | €272.77 | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 12/11/2007 | Offices-Wk42-Wk45 Oct-Nov 07 | €354.37 | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 21/04/2008 | Cleaning Offices (Wk 12-Wk 15-March April 08) | €354.38 | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| BAD BOY CLEANING SERVICES LTD | 21/04/2008 | Cleaning common areas (wk 12-15 - March April 08) | €272.77 | 3055 | Cleaning-Council Premises |
| BITMAC LTD | 31/03/2008 | Material for Patching Jan-March 08 | €3,337.43 | 2311 | Road Patching |
| Central District Office | 15/01/2008 | Patching Works | €233.00 | 2311 | Road Patching |
| Central District Office | 15/01/2008 | Pavement works Triq l-Imghazel | €2,613.59 | 2314 | Pavements |
| *CENTRAL ASPHALT LTD* | *17/03/2008* | *Payment on Account* | *-€31.16* | *5002* | BOV Current Account 6017 |
| CENTRAL ASPHALT LTD | 28/04/2008 | Concrete for pavement works in Triq is-Sikka | €104.50 | 2314 | Pavements |
| Char Construction | 31/03/2008 | Construction works playing field Toni Vella | €25,749.00 | 7503 | NAXXAR PLAYING FIELD |
| Char Construction | 15/03/2008 | Thaffir ta' konok BIC, tbattil + hamrija | €353.00 | 2310 | Public Property |
| Chris Tower Ladders | 18/03/2008 | Highup for fixing of banners for Locality meeting | €69.00 | 3350 | Annual General Meeting |
| Corex International | 17/04/2008 | Toner for printer | €35.40 | 2620 | Stationery |
| Corex International | 11/04/2008 | Repair to Printer | €161.00 | 2330 | Office Furniture & Equip. |
| CSD Office Trade | 15/04/2008 | Stationery | €13.08 | 2620 | Stationery |
| ECO PURE | 28/03/2008 | 3 bottles water | €12.58 | 3340 | Other Hospitality Costs |
| ECO PURE | 14/04/2008 | Water x4 | €16.77 | 3340 | Other Hospitality Costs |
| E. CALLEJA & SONS LTD | 08/04/2008 | Decorative lamp posts (8) Playing field | €8,799.69 | 7503 | NAXXAR PLAYING FIELD |
| E. CALLEJA & SONS LTD | 08/04/2008 | Decorative lamps for garden at Triq l-Imhalla (12) | €13,199.53 | 7240 | Urban Improvements |
| E. CALLEJA & SONS LTD | 07/04/2008 | Globes (repairs to decorative lamps) | €94.67 | 3065 | Street Lighting Contract |
| E. CALLEJA & SONS LTD | 04/04/2008 | Globes + attachements to decorative lights Gnien il-Hamrija | €222.28 | 3065 | Street Lighting Contract |

A

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Galea Curmi Engineering Consultants | 31/03/2008 | Contract Management fee-Str lighting-march 08 | €272.54 | 3065 | Street Lighting Contract |
| A. Galea | 20/03/2008 | Cleaning of Triq Hal Dghejf with bowser following tragedy. | €27.00 | 3051 | Road & Street Cleaning |
| GMTD Law Firm | 31/03/2008 | Legal services for March 08 | €109.98 | 3140 | Legal Services |
| Grace Camilleri | 31/03/2008 | Librarian services for March 08 | €104.17 | 2995 | Library |
| GUARD & WARDEN SERVICE HOUSE LTD | 31/03/2008 | Warden Services-March 08 iro works on zebras | €39.60 | 3195 | Guard & Warden Services |
| HIGHTEC OFFICE SUPPLIES | 17/04/2008 | Repair to Copier | €241.94 | 2330 | Office Furniture & Equip. |
| Equipment Hire Ltd | 14/02/2008 | Hire of vibrating plate on 14/02/2008 | €19.72 | 3020 | Lease of Equipment |
| Equipment Hire Ltd | 07/02/2008 | Hire of vibrating plate on 07/02/2008 | €19.72 | 3020 | Lease of Equipment |
| Equipment Hire Ltd | 21/02/2008 | Hire of vibrating plate on 22/02/2008 | €39.50 | 3020 | Lease of Equipment |
| Equipment Hire Ltd | 27/03/2008 | Hire of vibrating plate on 27/03/2008 | €19.72 | 3020 | Lease of Equipment |
| Equipment Hire Ltd | 10/04/2008 | Hire of vibrating plate (2 days) for patching on 10-11/04/08 | €37.89 | 3020 | Lease of Equipment |
| KOPERATTIVA TABELLI U SINJALI | 01/02/2008 | Signs (name+humps) | €5,754.30 | 2313 | Street Signs |
| KOPERATTIVA TABELLI U SINJALI | 01/02/2008 | Signs (name+humps) | €5,754.30 | 2312 | Road Markings |
| Land Department | 06/04/2008 | Rent Football ground & toilets | €232.94 | 2400 | Rent |
| MEDIA LINK COMMUNICATIONS | 11/04/2008 | Advert for PT clerk (in-Nazzjon) | €95.82 | 2940 | Advertising |
| Melita Cable | 31/03/2008 | Cable TV for April-May 08 | €15.52 | 3380 | Community Services |
| Melita Cable | 31/01/2008 | Cable TV for Feb-March 2008 | €15.52 | 3380 | Community Services |
| Merlin Library Ltd | 14/04/2008 | Book for prize day at Lily of The Valley school | €23.29 | 3360 | Social Events |
| MR CHARLIE MIFSUD | 31/03/2008 | Street Cleaning March 2008 - Salina | €388.23 | 3051 | Road & Street Cleaning |
| MR CHARLIE MIFSUD | 31/03/2008 | Beach Cleaning March 08 | €1,904.83 | 3063 | Clean.&Maint-Beaches&C.A. |
| MR CHARLIE MIFSUD | 31/03/2008 | Cleaning non urban - March 08 | €1,603.39 | 3052 | Cleaning & Maint. Non-Urban |
| MR CHARLIE MIFSUD | 31/03/2008 | Extra work beaches | €769.44 | 3063 | Clean.&Maint-Beaches&C.A. |
| MALTA INFOR TECH TRAINING | 07/08/2006 | Support provided on 9th June - configuration on IE & LAN | €56.30 | 3110 | IT Development Services |
| MALTA INFOR TECH TRAINING | 18/02/2008 | Re-installation of system | €75.05 | 3110 | IT Development Services |
| MALTA INFOR TECH TRAINING | 31/03/2008 | Services on PC's in March-Inv. dd 8/4/08 | €750.48 | 3110 | IT Development Services |
| MALTA INFOR TECH TRAINING | 31/03/2008 | Services on PC's in March-Inv. dd 8/4/08 | €75.05 | 3110 | IT Development Services |
| Jimmy Muscat | 03/04/2008 | Open skip on 3/4/08 | €35.00 | 3040 | Hire of Skips - Bins on Wheels |
| NORTHERN CLEANING CO-OP LTD | 31/03/2008 | Refuse collection March 2008 | €2,913.34 | 3041 | Domestic Refuse Collection |
| Papier Plus Studio | 28/03/2008 | Various binding of documents/minutes etc | €430.00 | 2660 | Documentation |
| Leo's Paramount | 31/03/2008 | Transport Day Centre March 08 | €150.27 | 3380 | Community Services |
| Leo's Paramount | 15/04/2008 | Transport for Day Centre and re Walk to Mellieha (1-15 April | €148.61 | 3380 | Community Services |
| Pubblikazzjonijiet Indipendenza PIN | 01/02/2008 | Vol10 Maltese Treasures in churches | €39.13 | 2995 | Library |
| Polidano Brothers Ltd | 21/04/2008 | Extensive patching Triq il-Fortizza | €45,389.95 | 2311 | Road Patching |
| Polidano Brothers Ltd | 24/04/2008 | Extensive patching at Triq San Pawl | €10,588.94 | 2311 | Road Patching |
| CLEANSING SERVICES DEPARTMENT | 05/03/2008 | February 2008. Materials & Supplies | €3,194.45 | 3053 | Clean-Public Conveniences |
| CLEANSING SERVICES DEPARTMENT | 17/03/2008 | Purchase Payment | €6,388.91 | 5002 | BOV Current Account 6017 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| CLEANSING SERVICES DEPARTMENT | 31/03/2008 | Street Cleaning March 2008 | €3,194.45 | 3053 | Clean-Public Conveniences |
| CLEANSING SERVICES DEPARTMENT | 31/03/2008 | Piblic conv. extra service - March 08 | €41.25 | 3053 | Clean-Public Conveniences |
| Mr Steve Rutland | 24/04/2008 | Copies of DVD's | €54.96 | 2920 | Creative Services |
| Sirap Ltd | 28/03/2008 | RAM for PC's | €58.94 | 2330 | Office Furniture & Equip. |
| Sirap Ltd | 26/02/2008 | Monitor as part of the server | €216.63 | 7315 | Computer Equipment |
| Sirap Ltd | 26/02/2008 | Consumables-ink | €79.63 | 2620 | Stationery |
| Sirap Ltd | 26/02/2008 | RAM 256 SD-Serial 4047762106706 | €36.27 | 2330 | Office Furniture & Equip. |
| Sirap Ltd | 29/02/2008 | Backup tapes | €82.60 | 2620 | Stationery |
| Sirap Ltd | 14/04/2008 | Backup tapes + new MT keyboard and DVD's | €107.99 | 3110 | IT Development Services |
| Sirap Ltd | 25/04/2008 | Wireless Access point | €106.45 | 7315 | Computer Equipment |
| SMART SUPERMARKET | 01/03/2008 | Drinks and snacks for meetings | €114.96 | 3320 | Conference Expenses |
| The Light Housekeepers | 16/02/2007 | All pending invoices but subject to confirmation by Engineer | €13,355.00 | 3065 | Street Lighting Contract |
| VASSALLO CONCRETE SUPPLIES LTD | 13/03/2008 | Concreting of Road in Triq l-Imdawra | €1,319.24 | 2370 | Other Repairs & Upkeep |
| WasteServ Malta Ltd | 11/02/2008 | Bring-in sites for January 08 | €296.59 | 3044 | Bring-in sites |
| WasteServ Malta Ltd | 31/03/2008 | Bring in site for March 2008 | €296.59 | 3044 | Bring-in sites |
| Weave Consulting | 27/02/2008 | ESF Application form | €698.81 | 3190 | Other Support Services |
| YORKDALE STATIONERY | 31/03/2008 | Newspapers for March 08 | €66.13 | 2970 | Newspapers |